MALTA

# QORTI CIVILI

# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

## ONOR. IMHALLEF

## ROBERT G MANGION

Seduta tas-16 ta' Settembru, 2014

Citazzjoni Numru. 91/2010

**A B**

**vs**

**C B**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat tal-attur li jaqra' hekk:

1. Billi l-hajja konjugali bejn il-kontendenti ma' ghadhiex aktar possibli minhabba sevizzi, ecessi, minacci u ngurji gravi tal-konvenuta kif ser jirrizulta il-mori tal-kawza;

2. Billi l-attur gie debitament awtorizzat illi jipprezenta dina l-istanza permezz ta' digriet moghti mill-Qorti Kompetenti;

Tghid l-istess konvenuta ghaliex ma' ghandhiex dina l-Onorabbli Qorti:-

1. Tiddikjara u tippronunzja s-separazzjoni persona li bejn il-kontendenti ghal ragunijiet imputabbli lill-konvenuta intimata u ghal finijiet tal-Artikolu 48(c) tal-Kodici Civili (Kap 16) tistabilixxi id-data meta l-istess intimata ghandha tkun kkunsidrata li minnha kienet haija tal-firda;

2. Tawtorizza lill-attur rikorrenti jghix separatament minn ma' martu;

3. Tapplika kontra l-konvenuta intimata interament jew in parte id-disposizzjonijiet ta' l-artikolu 48 tal-Kodici Civili (Kap 16);

4. Tiddikjara xolta l-komunjoni ta' l-akkwsiti ezistenti bejn il-kontendenti u tordna li l-istess oggetti formanti parti mill-komunjoni ta' l-akkwisti jigu maqsuma f'zewg porzjonijiet komposti kif jigi ordnat u stabbilit minn dina l-Qorti in vista inter alia tad-dati tal-akkwist tad-diversi oggetti formanti l-istess komunjoni u d-data stabbilita minn dina l-Qorti bhala d-data meta l-istess konvenuta ghandha tigi kkunsidrata li minnha kienet hatja tal-firda, liema porzjonijiet illi jigu assenjati wahda lill-attur u l-ohra lill-istess konvenuta billi okkorrendo ghall-finijiet ta' dina it-talba jigi nominat perit biex jaghmel il-likwidazzjoni mitluba u jipproponi pjan ta' divizjoni, nutar sabiex jircievi l-att relattiv u kuratur biex jirraprezenta lill-eventwali kontumacja fuq l-istess att;

5. Tordna illi l-attur jghix fid-dar mikrija lill-komunjoni tal-akkwisti ossia l-fond Blk D Flat 1 Laqxija Street Birkirkara;

6. Tawtorizza lill-attur illi jirregistra ossia jnizzel fir Registru Pubbliku is-sentenza eventwalment moghtija minn dina l-Qorti;

Bl-ispejjez komprizi dawk inkorsi fil-proceduri quddiem il-Medjatur kontra 1-konvenuta intimata illi hija ngunta ghas-subizzjoni.

Rat ir-risposta guramentata tal-konvenuta li taqra hekk:

1. Illi l-esponenti taqbel li tigi pronunzjata s-separazzjoni personali minn ma zewgha r-rikorrent imma mhux ghar-ragunijiet attribwibbli lilha izda ghall-tortijiet attribwibbli lill-istess rikorrenti inkluz adulterju, swat, vjolenza u theddid kommessi fuq l-esponenti u uliedha; effettivarnent l-esponenti ipprosegwiet quddiem dina l-Onorabbli Qorti fejn talbet wkoll is-separazzjoni personali minn ma zewgha;

2. Illi l-esponenti issostni li z-zwieg ta' bejn il-partijiet tkisser kagun ta' adulterju, eccessi, sevizzi, mohqrija, theddid u ingurji gravi kommessi mir-rikorrenti kif ser jigi pprovat tul it-trattazzjoni tal-kawza;

3. Illi it-tieni talba mhux opposta;

4. Illi l-esponenti qed topponi ghat-tielet talba stante li hija rna tahtiex ghas-separazzjoni minn ma’ zewgha;

5. Illi l-esponenti rna topponiex li l-komunjoni tal-akkwisti tigi xolta u likwidata izda biss wara li dina l-Onorabbli Qorti tiehu in konsiderazzjoni it-tortijiet ta' zewgha qabel rna tghaddi ghall-likwidazzjoni u qasma;

6. Illi l-hames talba hija opposta stante li dina l-Onorabbli Qorti kellha diga opportunita perrnezz ta' rikors appositu appuntat ghas-srniegh u wara li seghmet lil partijiet tghaddi sabiex tiddekreta u tizgombra lill-intimat (f'din l-istanza rikorrenti) mid-dar konjugali; illi in vista tal-provi li ser jirrizultaw fil-mori tal-kawza l-intirnat ghandu jibqa barra mid-dar konjugali u ghandha tibqa tabita fiha l-esponenti;

7. Illi is-sitt talba mhux opposta;

8. Illi l-esponenti qed topponi ghal ispejjez kollha ta' dawn il-proceduri.

9. Illi l-esponenti tirrizerva li taghmel sottomissjonijiet ulterjuri, kif wkoll eccezzjonijet ulterjuri.

10. Illi l-intimat huwa ingunt ghas-subizzjoni.

Rat id-digriet moghti fl-udjenza tat-13 ta' Ottubru 2010 li permezz tieghu il-Qorti ordnat il-konnessjoni ta' din il-kawza mal-kawza l-ohra fl-ismijiet inversi li ggib in-numru 100/10 li qed tigi deciza kontestwalment.

Rat ir-rapport tal-Psikologa C Sammut ipprezentat fid-9 ta' Gunju 2011.[1]

Rat l-atti kollha;

Rat il-provi imressqa sew f'din il-kawza, sew fil-kawza fl-ismijiet inversi li qed tinstema kontestwalment mal-kawza odjerna.

Rat in-nota ta'sottomissjonijiet tal-konvenuta.

Rat li l-kawza thalliet ghas-sentenza;

Ikkonsidrat;

Waqt l-udjenza tal-15 ta' Frar 2012 il-partijiet kienu ddikjaraw illi l-vertenza principali taghhom kienet tirrigwarda l-access tal-missier versu l-bint minuri u l-quantum tal-manteniment dovut mill-missier ghall-istess minuri.

B'digriet moghti fil-11 ta' Mejju 2011 l-attur kien ordnat minn din il-Qorti diversament preseduta sabiex ihallas is-somam ta' €117.00 fix-xahar bhala manteniment *pendente lite* ghall-minuri, liema manteniment jinqata' direttament mill-beneficcji socjali li l-attur jippercepixxi minghand id-Dipartiment tas-Sigurta' Socjali.

Fil-bidu tal-proceduri l-attur, senjament bis-sahha ta' digriet moghti fit-23 ta' Gunju 2011[2], kien gie koncess access supervizzjonat versu l-minuri fl-edificju tal-Agenzija Appogg ghal

[1] Fol. 105
[2] Fol. 128

siegha fil-gimgha u dan wara rakkomandazzjoni maghmula mill-Psikologa C Sammut nominata mill-Qorti. Izda l-Qorti kienet giet informata li l-minuri kienet qed turi rezistenza li tiltaqa' ma' missierha ghaliex skond hi missierha ma kienx ihobbha u kien ghamel zmien twil ma jaghtiex kaz taghha. Ripetutament kienet tirrifjuta li tidhol ghall-access ma' missierha.

L-Agenzija Appogg kienet informat lill-Qorti illi "….l-access gewwa l-Agenzija Appogg mhux qed jilhaq l-ghan tieghu peress li l-minuri u l-missier m'humiex qeghdin jiltaqghu….". Talbet ghalhekk li l-Qorti taghti provvediment.

Il-Qorti ghalhekk talbet li l-Agenzija Appogg tipproponi programm ta' terapija li manifestament kien mehtieg fic-cirkostanzi tal-kaz. B'nota tat-18 ta' Lulju 2012 l-Agenzija ipproponiet li l-missier u l-bint jattendu ghal terapija ghand terapisti differenti u irrakkomandat li l-access b'supervizzjoni jigi sospiz temporanjament sakemm il-partijiet jiehdu l-ghajnuna necessarja. B'digriet tas-27 ta' Lulju 2012 il-Qorti issospendeit l-access sabiex jinbeda l-programm ta' terapija propost mill-Agenzija Appogg.

Sussegwentement il-minuri bdiet tattendi ghal sessjonijiet ta' terapija minghajr hlas offruti mis-servizz "kellimni.com", li huwa servizz li jassisti tfal u zghazagh u huwa organizzat minn SOS Malta, is-Salezjani ta' Don Bosco, l-Agenzija Appogg u l-Agenzija Zghazagh.

Jirrizulta mill-atti illi ir-rifjut b'mod assolut tal-minuri li tiltaqa' ma' missierha ma hux rizultat ta' aljenazzjoni da parti ta' ommha jew ta' xi hadd iehor, izda rizultat ta' agir vjolenti da parti ta' missierha fuq medda ta' zmien. Diversi kienu dawk li taw ix-xhieda taghhom fir-rigward. Shieradye B, bint ohra tal-partijiet, illum maggorenni, tispjega fl-affidavit taghha kif minhabba l-agir ta' missierha kienet thossha mwegga' hafna ghaliex il-familja taghhom qatt ma kienet maghquda. Tghid li qatt ma taf li missierha hadhom jilghabu l-bandli jew li attenda ghal xi parents' day jew ghal xi laqgha tal-iskola jew tal-MUSEUM. Minflok kien jippreferi jmur jixrob f'xi bar. Tghid li meta kienu jimirdu kien jghajjar lill-konvenuta ghaliex kienet tibqa' d-dar maghhom. Tispjega illi "Kien iqatta'hafna hin barra, gieli granet shah, anke tliet ijiem wara xulxin ma jersaqx lejn id-dar, imbaghad jidhol bil-lejl, hafna drabi fis-sakra u jibda jsabbat, jidghi, jghajjarna u gieli anke sawwat lill-mama'. Gieli kien anke jghajjar u jhedded il-girien ghal xejn b'xejn. Ma nista' ninsa' qatt meta darba, dahal fi-sakra f'nofs ta' lejl u ghax huti ppruvaw jikkalmawh mar igib revolver mill-karrozza u immirah fuq

ommi u darba ohra kien anke ta daqqa ta' sikkina lil hija Decklyn. Dawk ix-xenati kienu jsiru ta' spiss u ma kellux bzonn ikun fis-sakra biex jaghmilhom.".[3]

L-atti kriminali kommessi mill-attur huma riflessi fll-fedina penali tieghu li hija twila sitta u ghoxrien (26) faccata.[4] Jirrizultaw ukoll numru konsiderevoli ta' rapporti lill-Pulizija maghmula mill-konvenuta fil-konfront tal-attur rigward agir abbuziv.[5] Gie ezebit ukoll il-file mediku tal-attur li jinstab fl-Isptar Monte Carmeli.[6] Minn dan il-file jirrizulta illi l-ewwel darba li l-attur gie ammess fl-Isptar Monte Carmeli kien fis-17 ta' Dicembru 1988. Ir-raguni kienet 'acute alcoholic intoxication'. Mill-file jirrizulta illi l-attur iddahhal fl-isptar aktar minn darba sew ghal ragunijiet relatati ma' konsum eccessiv ta' alcohol kif ukoll ghal ragunijiet li wera disposizzjoni li jwegga' lilu nnifsu. Lill-professjonisti kien jispjegalhom li l-istat li kien jinstab fih kien rizultat tal-fatt li l-membri tal-familja tieghu kienu kollha kontrih.

Fl-affidavit taghha il-konvenuta spjegat li l-attur minn dejjem kien possessiv. Tghid li sa minn zmien l-gherusija gieli refa' jdejh fuqha. Tkompli tispjega kif l-affarijiet aggravaw meta l-partijiet izzewgu. Iz-zwieg ta' bejn il-partijiet kien ikkaratterizzat minn glied, swat u theddid da parti tal-attur. Il-konvenuta spjegat illi meta uliedha kienu ghadhom zghar spiss kien ikollha titlaq bihom lejn l-istitut tal-Qalb ta' Gesu meta l-attur kien jidhol id-dar fis-sakra. Dan hu korroborat mix-xhieda moghtija minn Clevion, iben il-partijiet, fl-affidavit tieghu fejn jghid li ghamlu zmien li ta lanqas darba fil-gimgha kien ikollhom jitilqu mid-dar sakemm l-attur jikkalma. Clevion jirrakkonta li meta kienu ghadhom zghar missierhom gieli kien johodhom f'xi bars fejn kien imur jixrob.

Il-Psikologa C Sammut spjegat fir-rapport taghha illi l-minuri Yanzelye gieli rat lill-missierha jsawwat lill-omma.

L-affarijiet eskalaw meta t-tfal bdew jikbru u bdew jintervjenu meta jaraw lill-missierhom jitratta hazin u jkun vjolenti ma' ommhom.

Diversi minn ulied il-partijeit xhedu dwar episodji differenti li juru in-nuqqas ta' fedelta' tal-attur waqt iz-zwieg.

---

[3] Fol. 329. Ara wkoll ix-xhieda ta' Tina Zarb, neputija tal-partijiet a fol. 331
[4] Fol. 214 et seq.
[5] Fol. 356 et seq
[6] Fol. 458

L-attur, li llum ghandu sittin sena, xhed xhed li ma jahdimx u jghix bir-relief. Xhed li ilu ma jahdem mis-sena 2010 ghaliex ghandu kondizzjoni medika.[7] Fl-affidavit tieghu[8] jispjega illi l-partijiet kellhom tmient iftal. Meta kien ghad ghandhom zewg ulied kien inqala' glied bejn il-partijiet minhabba li kien irrizultalu li l-konvenuta kellha relazzjoni intima ma' haddiehor. Pero' kien hafrilha sabiex isalva z-zwieg. L-attur jichad li kien spiss ikun fis-sakra u jghid li dawn kienu okkazzjonijiet li jigru mhux aktar minn tlett darbiet fis-sena. Dwar ix-xhieda tal-investigatur privat imressqa mill-konvenuta konsistenti f'ritratti tal-attur jahdem xoghol ta' kahhal jew bajjad f'post li ghadu kemm inbena, l-attur jghid hekk: "In kwantu ghar-ritratti ezebiti mill-private investigator ta' marti, nghid li jiena fl-imghoddi dejjem hdimt, bis-Sibt u l-Hadd b'kollox, izda llum anqas ma niflah ingorr sellum u ghalhekk assolutament ma nistax naghmel dak li kont naghmel qabel."

Jghid illi l-minuri ma tridx tarah ghaliex imxewxa minn martu u minn uliedu l-kbar. Dwar ir-raguni ghaliex uliedu huma kollha kontra tieghu jghid li dan sehh peress li meta kien ghadu id-dar kien jeqfilhom. Jghid li fid-dar uliedu kienu jabbuzaw mid-droga u kienu jgibu oggetti misruqa.

**Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti**.

**Tkissir taz-Zwieg**.

Ghalkemm l-attur jakkuza lill-konvenuta bil-htija tat-tkissir taz-zwieg ta' bejn il-partijiet, il-provi juru mod iehor. Li l-attur ghal snin shah ikkommetta agir vjolenti sew fil-konfront ta' membri tal-familja kif ukoll fil-konfront ta' terzi inkluz girien jirrizulta mhux biss mix-xhieda tal-konvenuta u tax-xhieda minnha mressqa izda wkoll mill-provi dokumentarji b'mod partikolari mill-fedina penali tal-attur. L-attur isostni li kien jagixxi bil-mod kif kien jagixxi peress li kulhadd kontrih. Ghalkemm huwa minnu li jirrizulta mill-attti illi uliedu kollha huma kontrih, fil-fehma konsiderata tal-Qorti dan huwa rizultat tal-agir vjolenti u abbuziv tieghu b'mod partikolari fil-konfront ta' martu. Ghalhekk m'hux qed tigi accettata l-iskuza imressqa mill-attur bhala difiza tal-agir vjolenti u abbuziv tieghu fil-konfron ta' martu u ta' uliedu.

[7] Fol. 87
[8] Fol. 494

Gie wkoll sodisfacentement ippruvat illi l-attur kellu diversi hbiberiji ma' nisa ohra. Il-kumpless tal-provi jindika illi hemm probabilta' li mhux l-ewwel darba li kkommetta adulterju. Izda anke jekk jinghad li dan ma giex ippruvat sal-grad li trid il-ligi, il-hrug tal-attur ma nisa ohra huwa fih innifsu ingurja gravi li tpoggi fuqu ir-responsabbilita' ghat-tkissier taz-zwieg.

Fil-fehma tal-Qorti ghat-tkissir taz-zwieg jahti unikament l-attur.

**Komunjoni tal-Akkwisti**.

Mill-atti jirrizulta li l-unici assi komuni huma l-mobbli li hemm fid-dar matrimonjali. Dawn ser jigu assenjati lill-konvenuta.

Dwar id-dar matrimonjali jirrizulta li din hija mizmuma b'titolu ta' kera. Kif rilevat *supra*, l-attur kien gie zgumbrat minn din id-dar b'ordni tal-Qorti moghtija waqt il-proceduri ta' medjazzjoni. Ghalhekk illum fid-dar jirrisjedu il-konvenuta u whud minn ulied il-partijiet. Fil-fehma tal-Qorti it-titolu ta' kera fuq Flat numru 1, Block D, Laqxija Street, Birkirkara, ghandu jdur esklussivament fuq isem il-konvenuta.

Mill-bqija ma hemmx assi ta' valur x'jigu likwidati jew divizi.

Ghaldaqstant filwaqt li qed tiddikjara xolta l-komunjoni tal-akkwisti, tillikwida l-istess billi tiddikjara illi mobbli kollha li hemm fid-dar matrimonjali jigu assenjati fl-intier taghhom lill-konvenuta filwaqt li tassenja l-kirja tal-flat fuq imsemmi fuq isem esklussiv tal-konvenuta C B.

Kwalunkwe vetturi jew dghajjes li jinstabu f'isem l-attur ghandhom jinbieghu u mir-rikavat l-ewwel jithallsu d-dejn tal-komunjoni u l-bilanc, jekk ikun hemm, jigi percepit mill-partijiet f'sehem indaqs bejniethom.

L-arretrati ta' dawl u ilma u kera sal-jum li fih gie allontanat mid-dar matrimonjali l-attur ghandu jaghmel tajjeb ghalihom l-attur. Minn dak il-jum 'il quddiem ghandha taghmel tajjeb ghalihom il-konvenuta.

Id-dejn mal-bank ghandu jaghmel tajjeb ghalih l-attur wahdu.

**Manteniment**.

Ghalkemm fin-nota ta' osservazzjonijiet taghha l-konvenuta resqet sottomissjonijiet dwar it-talba taghha ghall-manteniment ghaliha, jirrizulta mill-atti illi skond verbal tal-udjenza tal-15 ta' Frar 2012, l-konvenuta ma kenitx qed tinsisti ghall-manteniment ghaliha tant li z-zewg partijiet iddikjaraw illi l-vertenza kienet irriduciet ruhha ghall-access u manteniment tal-minuri.

Din il-Qorti diversament preseduta gia' kienet ordnat lill-attur ihallas lill-konvenuta s-somma ta' mija u sbatax-il ewro (€117) fix-xahar bhala manteniment pendente lite ghall-minuri. L-attur jghid li mhux kapaci jahdem b'rizultat ta' kondizzjoni medika li jghid li jsofri minnha. Ghalkemm meta xhed obbliga ruhu li jressaq provi fir-rigward, tali provi baqghu ma ngabux. F'cirkostanzi simili fejn genitur jallega li mhux possibbli jikkontribwixxi ghall-manteniment ta' wild minhabba raguni medika, jinkombi fuq dak jew dik il-genitur li tressaq provi konvincenti li qed isofri minn kondizzjoni medika u li tali kondizzjoni medika timpedih milli jezercita kwalunkwe attivita' lavorativa. Fil-kaz odjern l-attur ma ressaqx provi dwar il-kondizzjoni medika tieghu hlief it-testimonjanza tieghu. Il-file tal-Isptar Monte Carmeli ma jirreferiex ghall-kondizzjoni li skond l-attur timpedih milli jahdem.

Fix-xhieda tieghu moghtija fl-udjenza tad-29 ta' Ottubru 2013 l-attur iddikjara li kien ilu sentejn ma jahdimx, u cioe' mis-sena 2011. Il-konvenuta inkarigat investigatur privat, certu Isabelle Cassar Agius, li xhedet illi hija segwit lill-attur u pprezentat ritratti tal-attur jahdem xoghol ta' kisi u tibjid. Huwa minnu li dawn ittiehdu qabel il-perijodu li l-attur jghid li waqaf jahdem izda fin-nuqqas ta' provi da parti tal-attur illi huwa ghandu kondizzjoni medika li timpedih milli jkompli jahdem, il-Qorti qed tikkonsidra li l-attur baqa' jahdem nonostante li beda jirregistra. Meta xhed quddiem il-Qorti l-attur xhed li meta kien jahdem ta' bajjad "meta tigih tajba" kien jaqla biss mitejn ewro (€200) fil-gimgha.[9] Il-Qorti mhiex taccetta li bhala bajjad ghal rasu l-attur kellu dhul ta' €200 fil-gimgha. Huwa aktar verosimili li bajjad li

[9] Ara testimonjanza tal-attur a fol. 499

jahdem ghal rasu jkollu dhul ferm aktar elevat minn dak li l-attur jallega. Il-Qorti mhiex taccetta l-verzjoni li ta l-attur fir-rigward. Jirrizulta mill-atti illi l-attur ihobb jilghab il-karti ghall-flus. Dan fih innifsu juri li l-attur ghandu aktar dhul minn semplici ghajnuna socjali.

Pero', tenut kont li ma ngabux provi li l-attur kien qed jahdem tul dawn l-ahhar sentejn u tenut kont li fi ftit xhur huwa ser jilhaq l-eta' tal-irtir, il-Qorti qed tiehu dan in konsiderazzjoni u qed tikkundanna lill-attur sabiex ihallas lill-konvenuta bhala manteniment ghall-minuri Shieradye is-somma ta' mija u hamsin ewro (€150) fix-xahar b'effett mill-1 ta' Otturbru 2014. Sal-ahhar ta' Settembru 2014 jibqa' in vigore id-digriet dwar manteniment li inghata fil-kors ta' dawn il-proceduri.

Tordna li dan il-manteniment jizdied kull sena skond l-indici tal-gholi tal-hajja u jitnaqqas direttament minn kwalunkwe beneficcju jew pensjoni imhallas lill-attur mid-Dipartiment tas-Sigurta' Socjali.

**Access tal-Missier**.

Kif rajna il-hsara enormi li sofriet il-minuri Shieradye b'rizultat tal-agir aggressiv u vjolenti tal-attur nislu fiha opposizzjoni qawwija li ma tiltaqax ma' missierha. Sew l-Agenzija Appogg kif ukoll il-Psikologa C Sammut u l-Psikoterapista Ingrid Vassallo jirrakomandaw illi fic-cirkostanzi prezenti mhux fl-interess tal-minuri li tigi sfurzata tiltaqa' mal-minuri. Jirrakkomandaw fost l-ohrajn li l-attur jattendi ghall-sessjonijiet ta' terapija sabiex fi kliem il-Psikoterapista Vassallo l-attur jigi mghejjun "… to accept his daughter's resistance and to learn how his behaviour has contributed to this resisteance." Il-Psikoterapista tiddikjara wkoll illi "In this case there seems to be no resolution which is feasible, without causing psychological damage to the concerned minor and thus it is recommended that there is the temporary suspension of contact between the minor and her father. Hopefully, giving Yanzalye some space will relieve pressure and deflate her resistance, rendering more possible the chances of a spontaneous request for contact with her father."

Ghalhekk fic-cirkostanzi il-Qorti qed tordna li ma jkunx hemm access tal-missier versu l-bint. Il-Qorti qed tirrizerva lill-attur id-dritt li jressaq it-talba fir-rigward mill-gdid jekk ic-cirkostanzi jkunu inbidlu u dejjem wara li jkun attenda programm ta' terapija.

Il-Qorti qed tordna wkoll li l-Agenzija Appogg tkompli issegwi lill-minuri sabiex taghtija l-assistenza mehtiega f'dan iz-zmien difficli ta' hajjitha.

**Decide.**

Ghal dawn il-motivi, taqta' u tiddeciedi din il-kawza u tiddisponi mit-talbiet attrici u mill-eccezzjonijiet tal-konvenuta bil-segwenti billi tilqagghom u tichadhom bil-mod segwenti:-

1. Tilqa' parzjalment l-ewwel talba, tiddikjara u tippronunzja s-separazzjoni personali ta' bejn il-kontendenti u tiddikjara illi ghat-tkissir taz-zwieg ta' bejn il-partijiet kien jahti unikament l-attur minhabba eccessi, sevizzi, mohqrija, theddid, swat u ingurji gravi.

2. Tilqa' t-tieni talba.

3. Tichad it-tielet talba.

4. Tilqa' parzjalment ir-raba' talba, tiddikjara xolta l-komunjoni tal-akkwisti ezistenti bejn il-partijiet, tordna l-likwidazzjoni u d-divizzjoni tal-istess kif fuq ordnat taht l-intestatura "Komunjoni tal-Akkwisti".

5. Tichad il-hames talba.

6. Tilqa' s-sitt talba.

Bl-ispejjez kontra l-attur.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------